# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 13/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 117/2006 tat-22 ta' Settembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/45/KE tas-16 ta' Mejju 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva propoxycarbazone ([2]) għandha tiddaħħal fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/41/KE tas-7 ta' Lulju 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi l-clothianidin u l-pethoxamid bħala sustanzi attivi ([3]) għandha tiddaħħal fil-Ftehim.

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/64/KE tat-18 ta' Lulju 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi l-clopyralid, il-cyprodinil, il-fosetyl u t-trinexapac bħala sustanzi attivi ([4]) għandha tiddaħħal fil-Ftehim.

(5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/74/KE tal-21 ta' Awissu 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi d-dichlorprop-P, il-metconazole, il-pyrimethanil u t-triclopyr bħala sustanzi attivi ([5]) għandha tiddaħħal fil-Ftehim.

(6) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/75/KE tal-11 ta' Settembru 2006 li temenda id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi d-dimoxystrobin bħala sustanza attiva ([6]) għandha tiddaħħal fil-Ftehim.

(7) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/76/KE tat-22 ta' Settembru 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva chlorothalonil ([7]) għandha tiddaħħal fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiżi li ġejjin għandhom jinżdiedu mal-punt 12a (Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE) tal-Kapitolu XV ta' l-Anness II tal-Ftehim:

"— **32006 L 0045**: Direttiva tal-Kummissjoni 2006/45/KE tas-16 ta' Mejju 2006 (ĠU L 130, tat-18.5.2006, p. 27),

([1]) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 40.
([2]) ĠU L 130, 18.5.2006, p. 27.
([3]) ĠU L 187, 8.7.2006, p. 24.
([4]) ĠU L 206, 27.7.2006, p. 107.
([5]) ĠU L 235, 30.8.2006, p. 17.
([6]) ĠU L 248, 12.9.2006, p. 3.
([7]) ĠU L 263, 23.9.2006, p. 9.

— **32006 L 0041**: Direttiva tal-Kummissjoni 2006/41/KE tas-7 ta' Lulju 2006 (ĠU L 187, tat-8.7.2006, p. 24),

— **32006 L 0064**: Direttiva tal-Kummissjoni 2006/64/KE tat-18 ta' Lulju 2006 (ĠU L 206, tas-27.7.2006, p. 107),

— **32006 L 0074**: Direttiva tal-Kummissjoni 2006/74/KE tal-21 ta' Awwissu 2006 (ĠU L 235, tat-30.8.2006, p. 17).

— **32006 L 0075**: Direttiva tal-Kummissjoni 2006/75/KE tal-11 ta' Settembru 2006 (ĠU L 248, tat-12.9.2006, p. 3),

— **32006 L 0076**: Direttiva tal-Kummissjoni 2006/76/KE tat-22 ta' Settembru 2006 (ĠU L 263, tas-23.9.2006, p. 9)."

*Artikolu 2*

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Deċiżjonijiet 2006/45/KEE 2006/41/KE, 2006/64/KE, 2006/74/KE, 2006/75/KE u 2006/76/KE fl-ilsna Izlandiċi u Norveġiżi, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 14/2007

## tas-27 ta’ April 2007

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ‘il-Ftehim’, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 117/2006 tat-22 ta’ Settembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/50/KE tad-29 ta’ Mejju 2006 li temenda l-Annessi IVA u IVB għad-Direttiva 98/8/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti bioċidali ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 12n (Direttiva 98/8/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV ta’ l-Anness II li jinsab mal-Ftehim:

“, kif emendat bi:

— **32006 L 0050:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/50/KE tad-29 ta’ Mejju 2006 (ĠU L 142, 30.5.2006, p. 6).”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2006/50/KE fil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta’ April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 40.
([2]) ĠU L 142, 30.5.2006, p. 6.
(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m’huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 15/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 117/2006 tat-22 ta' Settembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 907/2006 ta' l-20 ta' Ġunju 2006 li jemenda r-Regolament (KE) 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-diterġenti, sabiex jiġu adatti l-Anessi III u VII tiegħu ([2]) għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jkun miżjud mal-punt 12u (ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV ta' l-Anness II tal-Ftehim:

", kif emendat minn:

— **32006 R 0907**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 907/2006 ta' l-20 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 168, tal-21.6.2006, p. 5)."

### *Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 907/2006 fil-lingwi Iżlandiċi u Norveġiżi, li jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 40.
([2]) ĠU L 168, 21.6.2006, p. 5.
(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta’ April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 16/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 117/2006 tat-22 ta' Settembru 2006 (1).

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 565/2006 tas-6 ta' April 2006 li jimponi rekwiżiti għall-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi jew il-manifatturi ta' ċerti sustanzi ta' prijorità skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (2) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 12u (Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XV ta' l-Anness II li jinsab mal-Ftehim:

"12v. 32006 R 0565: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 565/2006 tas-6 ta' April 2006 li jimponi rekwiżiti għall-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi jew il-manifatturi ta' ċerti sustanzi ta' prijorità skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU L 99, 7.4.2006, p. 3)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 565/2006 fil-lingwi Iżlandiċi u Norveġiżi, li jiġu pubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

(1) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 40.
(2) ĠU L 99, 7.4.2006, p. 3.
(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 17/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 129/2006 tas-27 ta' Ottubru 2006 ([1]).

(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/406/KE tas-7 ta' Ġunju 2006 li twaqqaf il-linji gwida dwar l-użu ta' klejms li jirreferu għan-nuqqas ta' testijiet fuq annimali skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE ([2]) għandha tiġi integrata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom ikunu inseriti wara l-punt 13 (Direttiva tal-Kummissjoni 2003/83/KE, imħassra) fil-Kapitolu XVI ta' l-Anness II tal-Ftehim:

*"ATTI LI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA TAGĦHOM IL-PARTIJIET KONTRAENTI*

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu nota tal-kontenut ta' l-atti li ġejjin:

14. **32006 H 0406**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/406/KE tas-7 ta' Ġunju 2006 li twaqqaf il-linji gwida dwar l-użu ta' klejms li jirreferu għan-nuqqas ta' testijiet fuq annimali skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE (ĠU L 158, ta' l-10 ta' Ġunju 2006, p. 18)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Rakkomandazzjoni 2006/406/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 366, 21.12.2006, p. 66.
([2]) ĠU L 158, 10. 6.2006, p. 18.
(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 18/2007

## tas-27 ta’ April 2007

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standard, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ‘il-Ftehim’, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 6/2006 tas-27 ta’ Jannar 2006 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/340/KE tat-8 ta’ Mejju 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2001/171/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-iskop li tiġġedded il-validità tal-kundizzjonijiet għal deroga dwar l-ippakkjar tal-ħġieġ relatat mal-livelli għoljin ta’ konċentrazzjoni ta’ metall stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KE ([2]) għandha tkun integrata fil-Ftehim,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 7d (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/171/KE) tal-Kapitolu XVII ta’ l-Anness II għall-Ftehim:

“, kif emendat b’li ġej:

— 32006 D 0340: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/340/KE tat-8 ta’ Mejju 2006 (ĠU L 125, tat-12 ta’ Mejju 2006, p. 43).”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2006/340/KE fil-lingwa Iżlandiż u dik norveġija, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġunrnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-26 ta’ Ġunju 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 92, tat-30.3.2006, p. 26.
([2]) ĠU L 125, 12.5.2006, p. 43.
(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m’huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 19/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 83/2006 tas-7 ta' Lulju 2006 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/502/KE tal-11 ta' Mejju 2006 li titlob li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li biss il-*lighters* li huma reżistenti għat-tfal ikunu disponibbli fis-suq u li tkun ipprojbita d-disponibbiltà fis-suq ta' *lighters* fantażjużi ([2]) trid tkun integrata fil-Ftehim,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 3j (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/718/KE) fil-Kapitolu XIX ta' l-Anness II għall-Ftehim:

"3k. **32006 D 0502**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/502/KE tal-11 ta' Mejju 2006 li titlob li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li biss il-*lighters* li huma reżistenti għat-tfal ikunu disponibbli fis-suq u li tkun ipprojbita d-disponibbiltà fis-suq ta' *lighters* fantażjużi (ĠU L 198, ta' l-20 ta' Lulju 2006, p. 41)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2006/502/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 289, 19.10.2006, p. 15.
([2]) ĠU L 198, 20.7.2006, p. 41.
(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 20/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) u l-Anness XXII (Liġi tal-Kumpaniji) mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) L-Anness XXII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 160/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([2]).

(3) Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji, 83/349/KEE dwar kontijiet konsolidati, 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi ta' l-assigurazzjoni ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiddaħħal wara l-punti 12b (Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE) u 21 (Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE) ta' l-Anness IX għall-Ftehim:

"— **32006 L 0046**: Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 224, tas-16.8.2006, p. 1)."

*Artikolu 2*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punti 4 (Ir-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE) u 6 (Is-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE) ta' l-Anness XXII għall-Ftehim:

"— **32006 L 0046**: Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 224, tas-16.8.2006, p. 1)."

*Artikolu 3*

It-testi tad-Direttiva 2006/46/KE fil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, ladarba jkunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 24.
([2]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 38.
([3]) ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1.
(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 21/2007**

**tas-27 ta’ April 2007**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ‘il-Ftehim’, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2006 tat-8 ta’ Diċembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE ta’ l-10 ta’ Awissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet operattivi għal ditti ta’ investiment u termini definiti għall-għanijiet ta’ dik id-Direttiva ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 ta’ l-10 ta’ Awissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta’ investimenti li jżommu r-reġistri, ir-rappurtaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, id-dħul ta’ l-istrumenti finanzjarji fin-negozjar, u t-termini definiti għall-għanijiet ta’ dik id-Direttiva ([3]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 30caa (Direttiva tal-Kunsill 93/22/KE) ta’ l-Anness IX għall-Ftehim:

“30cab. **32006 L 0073**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE ta’ l-10 ta’ Awissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet operattivi għal ditti ta’ investiment u termini definiti għall-għanijiet ta’ dik id-Direttiva (OJ L 241, 2.9.2006, p. 26).

30cac. **32006 R 1287**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 ta’ l-10 ta’ Awissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta’ investimenti li jżommu r-reġistri, ir-rappurtaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, id-dħul ta’ l-istrumenti finanzjarji fin-negozjar, u t-termini definiti għall-għanijiet ta’ dik id-Direttiva (OJ L 241, 2.9.2006, p. 1).”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2006/73/KE u Regolament (KE) Nru 1287/2006 bl-Iżlandiż u n-Norveġiż, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment tal-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*, għandhom jkunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 24.
([2]) ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26.
([3]) ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta' u fis-Suppliment ŻEE ta'l-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 22/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XI (Is-servizzi ta' telekomunikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 120/2006 tat-22 ta' Settembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2005/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 li tirrevoka d-Direttiva 90/544/KEE tal-Kunsill dwar il-meded ta' frekwenza magħżula għall-introduzzjoni koordinata ta' sistema terrestri pubblika pan-Ewropea ta' paging bir-radju fil-Komunità ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2005/928/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-armonizzazzjoni tal-meded ta' frekwenza 169,4-169,8125 MHz fil-Komunità ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

(4) Id-Direttiva 2005/82/KE tħassar id-Direttiva 90/544/KEE ([4]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li b'hekk hi mħassra skond il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XI tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/544/KEE) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

   "**32005 L 0082**: Id-Direttiva 2005/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 li tħassar id-Direttiva 90/544/KEE tal-Kunsill dwar il-meded ta' frekwenza magħżula għall-introduzzjoni koordinata ta' sistema terrestri pubblika pan-Ewropea ta' paging bir-radju fil-Komunità (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 38)."

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 5cs (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/513/KE):

   "5ct. **32005 D 0928**: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2005/928/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-armonizzazzjoni tal-meded ta' frekwenza 169,4-169,8125 MHz fil-Komunità (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 47)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2005/82/KE u d-Deċiżjoni 2005/928/KE fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 47.
([2]) ĠU L 344, 27.11.2006, p 38.
([3]) ĠU L 344, 27.12.2005, p 47.
([4]) ĠU L 310, 9.11.1990, p 28.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 23/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 155/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006 tad-9 ta' Ġunju 2006 li jispeċifika l-partiti li għandhom jiġu inklużi taħt id-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet li jinsabu fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1108/70 ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 851/2006 iħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2598/70 ([3]), li jinsab inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jitħassar taħt dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. It-test ta' punt 2 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2598/70) għandu jiġi mħassar.

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 2 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2598/70, imħassar):

"2a. **32006 R 0851**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006 tad-9 ta' Ġunju 2006 li jispeċifika l-partiti li għandhom jiġu inklużi taħt id-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet li jinsabu fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1108/70 (ĠU L 158, 10.6.2006, p. 3)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 851/2006 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea,* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 29.
([2]) ĠU L 158, 10.6.2006, p. 3.
([3]) ĠU L 278, 23.12.1970, p. 1.
(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 24/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 155/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/89/KE tat-3 ta' Novembru 2006 li tadatta għas-sitt darba għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-trasport ta' oġġetti perikolużi fuq it-toroq ([2]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan l-inċiż għandu jkun miżjud mal-punt 17e (id-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"— **32006 L 0089**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/89/KE tat-3 ta' Novembru 2006 (ĠU L 305, 4.11.2006, p. 4)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2006/89/KE fil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.*

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p 29.

([2]) ĠU L 305, 4.10.2006, p 4.

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 25/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 155/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/90/KE tat-3 ta' Novembru 2006 li għas-seba' darba tadatta skond il-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE dwar il-konverġenza tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trasport ta' prodotti perikolużi permezz tal-ferrovija ([2]) għandha tiġi inkorporta fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud mal-punt 42b (id-Direttiva tal-Kunsill 49/96/KE) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"— **32006 L 0090**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/90/KE tat-3 ta' Novembru 2006 (ĠU L 305, 4.11.2006, p. 6)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2006/90/KE fil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 29.
([2]) ĠU L 305, 4.11.2006, p. 6.
(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 26/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 155/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ([2]) ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 61/2004 tas-26 ta' April ([3]) b'adattamenti speċifiċi għall-pajjiż partikolari.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2006 tat-2 ta' Ġunju 2006 jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni ta' standards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 66i (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) 622/2003) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"— **32006 R 0831**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 831/2006 tat-2 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 150, tat-3.6.2006, p. 4)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 831/2006 fl-ilsien Iżlandiż u l-ilsien Norveġiż, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 29.
([2]) ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 277, 26.8.2004, p. 175.
([4]) ĠU L 150, 3.6.2006, p. 4.
(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 27/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 155/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni ([2]) ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 179/2004 ([3]) tad-9 ta' Diċembru 2004, b'adattamenti speċifiċi.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 tas-16 ta' Mejju 2006 dwar il-metodi ta' l-operat ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 66q (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"66qa. **32006 R 0736**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 tas-16 ta' Mejju 2006 dwar il-metodi ta' l-operat ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni (ĠU L 129, 17.5.2006, p. 10).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattazzjonijiet li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 14 il-kelmiet 'jew ftehim bejn l-Istati EFTA u l-pajjiżi terzi' għandhom jiżdiedu wara 'ftehim Komunitarju', u l-kelmiet ', kif adattat għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim,' għandhom jiżdiedu wara 'ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002'.

(b) Fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 17 għandu jiżdied dan li ġej:

'Ir-rapport annwali li jippreżenta analiżi ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni għandu jintbagħat lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA.'"

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 736/2006 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 29.
([2]) ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 133, 26.5.2005, p. 37.
([4]) ĠU L 129, 17.5.2006, p. 10.

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 28/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XV (Għajnuna mill-istat) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XV tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 157/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1976/2006 ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2204/2002, (KE) Nru 70/2001 u (KE) Nru 68/2001 fir-rigward ta' l-estensjoni tal-perjodi ta' applikazzjoni ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XV tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punti 1d (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2001) u 1f (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001):

   "— **32006 R 1976**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1976/2006 ta' l-20 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 85)."

2. Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 1g (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2002):

   ", kif emendat bi:

   — **32006 R 1976**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1976/2006 ta' l-20 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 85)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KEE) Nru 1976/2006 bil-lingwa Iżlandiża u l-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 33.
([2]) ĠU L 368, 23.12.2006, p. 85.
(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni u s-Suppliment taż-ŻEE fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 29/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XV (Għajnuna mill-istat) tal-Ftehim dwar iż-ZEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XV tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 157/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna *de minimis* [2] għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 1e (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2001) ta' l-Anness XV tal-Ftehim:

"1ea. **32006 R 1998**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna *de minimis* (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattazzjonijiet li ġejjin:

(a) Dan it-test li ġej se jkun miżjud ma' l-Artikolu 1 (1): 'Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal setturi li mhumiex koperti mill-Artikoli 61 sa 64 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.';

(b) Il-kliem 'l-Artikolu 87 (1) tat-Trattat' għandu jaqra 'l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE';

(ċ) Il-kliem 'l-Artikolu 88 (3) tat-Trattat tal-KE' għandu jaqra 'l-Artikolu 1(3) tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti'."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1998/2006 fl-ilsien Iżlandiż u l-ilsien Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

---

[1] ĠU L 89, 29.3.2007, p. 33.

[2] ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5.

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 30/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġijiet tax-xogħol u t-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 124/2006 tat-22 ta' Settembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/15/KE tas-7 ta' Frar 2006 li tistabbilixxi t-tieni lista ta' valuri ta' limitu indikattivi ta' espożizzjoni waqt ix-xogħol fl-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u li temenda d-Direttivi 91/322/KEE u 2000/39/KE ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XVIII tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 16jc (id-Direttiva 2004/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "16jd. **32006 L 0015**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/15/KE tas-7 ta' Frar 2006 li tistabbilixxi t-tieni lista ta' valuri ta' limitu indikattivi ta' espożizzjoni waqt ix-xogħol fl-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u li temenda d-Direttivi 91/322/KEE u 2000/39/KE (ĠU L 38, 9.2.2006, p. 36)."

2. Dan li ġej għandu jiżdied mal-punti 3a (id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/322/KEE) u 16j (id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/39/KE):

   ", kif emendat bi:

   — **32006 L 0015**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/15/KE tas-7 ta' Frar 2006 (ĠU L 38, 9.2.2006, p. 36)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2006/15/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 53.
([2]) ĠU L 38, 9.2.2006, p. 36.
(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 31/2007

## tas-27 ta’ April 2007

## li temenda l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġijiet tax-xogħol u t-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ ‘il-Ftehim’, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XVIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 124/2006 tat-22 ta’ Settembru 2006 [1].

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/47/KE tat-18 ta’ Lulju 2005 dwar il-Ftehim bejn il-Komunità tal-Ferroviji Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea għall-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta’ ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi transkonfinali interoperabbli fis-settur tal-ferroviji [2] għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jidħol wara l-punt 32h (id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta’ l-Anness XVIII tal-Ftehim:

“32i. **32005 L 0047**: Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/47/KE tat-18 ta’ Lulju 2005 dwar il-Ftehim bejn il-Komunità tal- Ferroviji Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea għall-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta’ ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi transkonfinali interoperabbli fis-settur tal-ferroviji (ĠU L 195, 27.7.2005, p. 15).”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2005/47/KE fil-lingwa Iżlandiża u l-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea,* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta’ April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. (*)

---

[1] ĠU L 333, 30.11.2006, p. 53.
[2] ĠU L 195, 27.7.2005, p 15.
(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m’huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubplikata fis-Sezzjoni u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 32/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/2006 tat-22 ta' Settembru 2006 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/193/KE ta' l-1 ta' Marzu 2006 dwar regoli, skond Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar l-użu tal-logo EMAS fil-każijiet eċċezzjonali ta' pakketti għat-trasport u pakketti terzjarji ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara punt 1eaa (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/681/KE) ma' l-Anness XX tal-Ftehim:

"1eab. **32006 D 0193:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/193/KE ta' l-1 ta' Marzu 2006 dwar regoli, skond Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar l-użu tal-logo EMAS fil-każijiet eċċezzjonali ta' pakketti għat-trasport u pakketti terzjarji (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 63)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2006/193/KE fil-lingwa Iżlandiża u fil-lingwa Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea,* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103 (1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 55.
([2]) ĠU L 70, 9.3.2006, p. 63.
(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta’, u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta’ April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 33/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/2006 tat-22 ta' Settembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2006/11/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar tniġġiż ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi skarikati fl-ambjent akwatiku tal-Komunità (Verżjoni Kodifikata) ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2006/11/KE tħassar id-Direttiva 76/464/KEE ([3]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li b'hekk għandha tiġi mħassra skond il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

It-test ta' punt 4 (Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE) ta' l-Anness XX mal-Ftehim għandu jinbidel u jsir kif ġej:

"**32006 L 0011:** Id-Direttiva 2006/11/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar tniġġiż ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi skarikati fl-ambjent akwatiku tal-Komunità (Verżjoni Kodifikata) (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 52).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-fini ta' dan il-Ftehim, jinftehmu skond it-tibdil li ġej:

Wara l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 13 għandu jiżdied dan li ġej:

'Il-perjodu ta' żmien għat-trażpożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva 2000/60/KE, li hu speċifikat fil-Parti B ta' l-Anness II, m'għandux japplika u minfloku għandha tapplika d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora d-Direttiva 2000/60/KE f'dan il-Ftehim.'"

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2006/11/KE fil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103 (1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 55.
([2]) ĠU L 64, 4.3.2006, p. 52.
([3]) ĠU L 129, 18.5.1976, p. 23.
(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 34/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/2006 tat-22 ta' Settembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara punt 21aj (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/461/KE) ma' l-Anness XX tal-Ftehim:

"21ak **32004 L 0107:** Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2004/107/KE fil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 55.
([2]) ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3.
(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 35/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/2006 tat-22 ta' Settembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2006/12/KE tħassar id-Direttiva 75/442/KEE ([3]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li b'hekk hi mħassra skond il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

It-test ta' punt 27 (Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE) ta' l-Anness XX mal-Ftehim għandu jinbidel u jsir kif ġej:

"**32006 L 0012:** Id-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2006/12/KE fil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 55.
([2]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.
([3]) ĠU L 194, 25.7.1975, p. 39.
(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan Seatter

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 36/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XX (Ambjent) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 125/2006 tat-22 ta' Settembru 2006 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/329/KE ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar kwestjonarju biex jintuża meta jsiru rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/76/KE dwar l-inċinerazzjoni ta' l-iskart ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara punt 32fc (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/369/KE) ta' l-Anness XX tal-Ftehim:

"32fd. **32006 D 0329:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/329/KE ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar kwestjonarju biex jintuża meta jsiru rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/76/KE dwar l-inċinerazzjoni ta' l-iskart (ĠU L 121, 6.5.2006, p. 38)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2006/329/KE fil-lingwa Iżlandiża u fil-lingwa Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 333, 30.11.2006, p. 55.

([2]) ĠU L 121, 6.5.2006, p. 38.

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 37/2007

## tas-27 April 2007

## li temenda l-Anness XXI (L-Istatistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 159/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 tat-28 ta' Settembru 2006 li jimplimenta u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tad-definizzjoni tal-varjabbli, il-lista tal-varjabbli u l-frekwenza tal-ġbir tad-*data* ([2]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 588/2001 ([3]), li huwa inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jiġi rrevokat taħt il-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Dan il-punt li jmiss għandu jkun inkluż wara l-punt 2b (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 588/2001):

   "2c. **32006 R 1503**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 tat-28 ta' Settembru 2006 li jimplimenta u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir fir-rigward tad-definizzjoni tal-varjabbli, il-lista tal-varjabbli u l-frekwenza tal-ġbir tad-*data* (ĠU L 281, 12.10.2006, p. 15)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 2 (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98):

   "— **32006 R 1503**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1503/2006 tat-28 ta' Settembru 2006 (ĠU L 281, 12.10.2006, p. 15)."

3. It-test tal-punt 2b (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 588/2001) għandu jitħassar.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1503/2006 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 36.
([2]) ĠU L 281, 12.10.2006, p. 15.
([3]) ĠU L 86, 27.3.2001, p. 18.
(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 38/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XXI (L-Istatistika) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 159/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-istatistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 80/1119/KEE ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 jħassar id-Direttiva 80/1119/KEE ([3]), li hi inkorporata fil-Ftehim u li b'hekk hi mħassra skond il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Dan il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 7i (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1358/2003):

"7j. **32006 R 1365**: Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 80/1119/KEE (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 1)."

2. It-test tal-punt 6 (id-Direttiva tal-Kunsill 80/1119/KEE) għandu jkun imħassar.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. (*)

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 36.
([2]) ĠU L 264, 25.9.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 339, 15.12.1980, p. 30.
(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni u s-Suppliment taż-ŻEE fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 39/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 142/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1730/2006 tat-23 ta' Novembru 2006 rigward l-awtorizzazzjoni ta' l-aċtu benzojku (VevoVitall) bħala addittiv fl-għalf ([2]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1743/2006 ta' l-24 ta' Novembru 2006 dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' addittiv fl-oġġetti ta' l-għalf ([3]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1750/2006 tas-27 ta' Novembru 2006 dwar l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina bħala addittiv fl-għalf ([4]) għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1876/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar l-awtorizzazzjoni proviżjonali u permanenti ta' ċerti addittivi fl-oġġetti ta' l-għalf ([5]) kif korretta mill-ĠU L 43, 15.2.2007, p. 42, għandu jiġi inkorporat mal-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara punt 1zzzb (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1447/2006) fil-Kapitolu II ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"1zzzc. **32006 R 1730**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1730/2006 tat-23 ta' Novembru 2006 dwar l-awtorizzazzjoni ta' l-aċtu benzojku (VevoVitall) bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 325, 24.11.2006, p. 9).

1zzzd. **32006 R 1743**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1743/2006 ta' l-24 ta' Novembru 2006 dwar l-awtorizzazzjoni permanenti ta' addittiv fl-oġġetti ta' l-għalf (ĠU L 329, 25.11.2006, p. 16).

1zzze. **32006 R 1750**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1750/2006 tas-27 ta' Novembru 2006 dwar l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 330, 28.11.2006, p. 9).

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 8.
([2]) ĠU L 325, 24.11.2006, p. 9.
([3]) ĠU L 329, 25.11.2006, p. 16.
([4]) ĠU L 330, 28.11.2006, p. 9.
([5]) ĠU L 360, 19.12.2006, p. 126.

1zzzf. **32006 R 1876**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1876/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar l-awtorizzazzjoni proviżjonali u permanenti ta' ċerti addittivi fl-oġġetti ta' l-għalf (ĠU L 360, 19.12.2006, p. 126), kif korretta mill-ĠU L 43, 15.2.2007, p. 42."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 1730/2006, 1743/2006, 1750/2006 u 1876/2006, kif korretti mill-ĠU L 43, 15.2.2007, p. 42, fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103 (1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 40/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 43/2005 tal-11 ta' Marzu 2005 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2005/88/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 li temenda d-Direttiva 2000/14/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-emissjoni tal-ħsejjes fl-ambjent minn tagħmir li jitħaddem fl-apert ([2]), kif korretta mill-ĠU L 165, 17.6.2006, p. 35, għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 10a (id-Direttiva 2000/14/EC tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill) tal-Kapitolu VI ta' l-Anness II tal-Ftehim:

", kif emendat bi:

— **32005 L 0088**: Id-Direttiva 2005/88/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 44), kif korretta bil-ĠU L 165, 17.6.2006, p. 35."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2005/88/KE, kif korretti mill-ĠU L 165, 17.6.2006, p. 35, fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea,* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 198, 28.7.2005, p. 45.
([2]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 44.
(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 41/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 147/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1609/2006 tas-27 ta' Ottubru 2006 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' ikel tat-trabi bbażat fuq l-idrolisati tal-proteina tax-xorrox idderivata mill-proteina tal-ħalib tal-baqar għal perjodu ta' sentejn ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/92/KE tad-9 ta' Novembru 2006 li temenda l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-captan, dichlorvos, ethion u folpet ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu XII ta' l-Anness II tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud ma' punti 13 (id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE), 38 (id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE) u 54 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE):

   "— **32006 L 0092:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/92/KE tad-9 ta' Novembru 2006 (ĠU L 311, 10.11.2006, p. 31)."

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 54zzy (Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "54zzz. **32006 R 1609**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1609/2006 tas-27 ta' Ottubru 2006 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' ikel tat-trabi bbażat fuq l-idrolisati tal-proteina tax-xorrox idderivata mill-proteina tal-ħalib tal-baqar għal perjodu ta' sentejn (ĠU L 299, 28.10.2006, p. 9.)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1609/2006 u d-Direttiva 2006/92/KE fil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

---

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p 17.
([2]) ĠU L 299, 28.10.2006, p 9.
([3]) ĠU L 311, 10.11.2006, p 31.
(*) *Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 42/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 155/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ([2]) ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 61/2004 tas-26 ta' April 2004 ([3]) b'adattamenti speċifiċi għall-pajjiż partikolari.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1448/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni ta' standards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 66i (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 622/2003) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"— **32006 R 1448**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1448/2006 tad-29 ta' Settembru 2006 (ĠU L 271, 30.9.2006, p. 31)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1488/2006 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

---

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 29.
([2]) ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 277, 26.8.2004, p. 175.
([4]) ĠU L 271, 30.9.2006, p. 31.
(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 43/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 155/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili ([2]) ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 61/2004 tas-26 ta' April 2004 ([3]) b'adattamenti speċifiċi għall-pajjiż partikolari.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1862/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi miżuri għall-implimentazzjoni ta' standards bażiċi komuni dwar is-sigurtà ta' l-avjazzjoni ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 66i (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 622/2003) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"— **32006 R 1862**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1862/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 36)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1862/2006 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 29.
([2]) ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 277, 26.8.2004, p. 175.
([4]) ĠU L 358, 16.12.2006, p. 36.
(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 44/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 155/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-sigurtà ta' ajruplani minn pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità ([2]) ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2005 tat-2 ta' Diċembru 2005 ([3]), b'adattamenti speċifiċi għall-pajjiż partikolari.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni ([4]) ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 179/2004 ([5]) tad-9 ta' Diċembru 2004, b'adattamenti speċifiċi għall-pajjiż partikolari.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sigurtà ta' l-ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u l-ġestjoni tas-sistema ta' l-informazzjoni ([6]) għandu jiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) L-adattamenti previsti b'rabta mar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 għandhom, fejn applikabbli u sakemm mhux previst mod ieħor, japplikaw *mutatis mutandis* għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra li tagħti s-setgħa lill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni u inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 66r (id-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"66ra. **32006 R 0768**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sigurtà ta' l-ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u l-ġestjoni tas-sistema ta' l-informazzjoni (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 16)."

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 29.
([2]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 76.
([3]) ĠU L 53, 23.2.2006, p. 53.
([4]) ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1.
([5]) ĠU L 133, 26.5.2005, p. 37.
([6]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 16.

2. It-test ta' adattament li ġej għandu jiżdied fil-punt 66n (ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"(s) Fejn applikabbli, u sakemm mhux previst mod ieħor, l-adattamenti ta' hawn fuq għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra li tagħti s-setgħa lill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni u inkorporata f'dan il-Ftehim."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 768/2006 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 45/2007

## tas-27 ta' April 2007

## li jemenda l-Anness XXII (il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 160/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1329/2006 tat-8 ta' Settembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1725/2003 li jadotta ċerti standards internazzjoni ta' kontabilità b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward ta' l-Interpretazzjonijiet 8 u 9 tal-Kumitat għall-Interpretazzjonijiet ta' l-Irrappurtar Finanzjarju Internazzjonali (IFRIC 8 u IFRIC9) ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 10ba (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003) ta' l-Anness XXII tal-Ftehim:

"— **32006 R 1329:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1329/2006 tat-8 ta' Settembru 2006 (ĠU L 247, 9.9.2006, p. 3)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1329/2006 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ 20 jum wara l-adozzjoni tagħha, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p 38.
([2]) ĠU L 247, 9.9.2006, p 3.
(*) Ebda rekwiżiti Kostituzzjonali m'huma indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta’ April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER